MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Numru 500/1994

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Ellul Bonici)
vs
Carmel sive Charles Farrugia

Illum 19 ta’ April 2005

IL-QORTI

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli f’dawn il-gzejjer matul l-ahhar snin approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn biljett tal-Lotterija Nazzjonali ta’ Malta liema biljett kien jiswa aktar mill-aggravju massimu ta’ LM500 u li kien jappartjeni lil konjugi Emmanuel u Filippa Briffa u li kien gie fdat jew ikkunsinnat lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u cioe bhala r-Ricevitur tal-Lottu numru 100 taht titolu illi jgib

mieghu l-obbligu tar-radd tal-imsemmi biljett jew li jsir uzu minnu specifikat.
b) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, ghamel qliegh ta’ aktar minn LM500.00 bi hsara tal-konjugi Emmanuel u Filippa Briffa.
c) Ghamel qliegh b’qerq li jeccedi l-Lm500.00 bi hsara tal-imsemmija konjugi Briffa.
d) Ikkommetta serq ta’ biljett tal-Lotterija Nazzjonali ta’ Malta liema serq hu kkwalifikat bil-valur, ghad-dannu tal-konjugi Briffa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 79 tal-atti) li biha, billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat u a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli:
a) 293, 310 tal-Kodici Kriminali.
b) 308, 310 tal-Kodici Kriminali.
c) 309, 310 tal-Kodici Kriminali.
d) 261 (c), 267, 279 tal-Kodici Kriminali.
Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali f’nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li hu jixtieq li jigi ggudikat b’din il-procedura (fol 81 ibid).
Semghet lil akkuzat minn jeddu.
Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz inbdiet bhala konsegwenza ta’ rapport lill-pulizija li kien sar fis-26 ta’ Ottubru 1993 minn Emmanuel u Filippa konjugi Briffa. Dawn fil-fatt kienu allegaw illi l-akkuzat, ossia ir-ricevitur tal-Lottu numru 100, kien serqilhom biljett tal-Lotterija Nazzjonali, rebbieh tal-premju ta’ LM20,000.00 fil-lotterija li ttellghet fl-17 ta’ Ottubru 1993. Skond l-istess rapport l-imsemmija Filippa Briffa kienet inkarigat lill-ohtha Lourdes Cascun sabiex tmur ghand l-akkuzat u taghmel il-verifiki

dwar jekk rebhitx il-premju li ssemma. Meta Lourdes Cascun kienet ippresentat il-biljett relattiv, l-akkuzat kien informaha li ohtha kienet rebhet biss Lm100.00 waqt li zamm ghandu l-istess biljett, u minflok kien kiteb, fuq bicca karta, hames numri waqt li spjegalha x'kienet ir-raguni ghaliex ma setax jaghtiha lura, dak il-hin, il-biljett in kwistjoni. Din il-karta giet esebita in atti bhala Dok KEB 1 (fol 19 ibid) u fuqha hemm miktubin in-numru 76298. In rigward l-istess karta, jigi nnotat li Filippa Briffa kienet informat lill-ispettur Kevin Ellul Bonici li l-ittra "B" kienet kitbitha hi stess. Sussegwentement, Filippa Briffa kienet marret ghand l-akkuzat sabiex tivverifika mal-'mamma' tal-istess biljett oltre li insistiet, flimkien ma zewgha sabiex jinghata lura lilhom dan il-biljett.

Wara li l-akkuzat kien qalilhom, pero, li kien ha dan il-biljett fid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, sabiex jissarraf, il-konjugi Briffa kienu marru fl-istess Dipartiment fejn, pero, gew informati li l-akkuzat ma kien sarraf l-ebda biljett. In oltre xi granet wara, ("l-ghada jew il-pitghada") l-akkuzat kien mar ghand omm Filippa Briffa u nforma lil din li bintha kienet effettivament rebhet LM1,000.00 waqt li kien ippresenta lill-istess ommha biljett numru B 79298 bil-'mamma' relattiva (Dok KEB 2 a fol 20 ibid). Matul l-investigazzjoni tal-kaz, da parti tal-Ufficjal Prosekutur originali, gie accertat li l-akkuzat kellu ghal bejgh, f'din l-okkazzjoni, erba' biljetti b'rebh ta' LM100 kull wiehed kif ukoll l-uniku biljett rebbiegh ta' LM20,000.00. In rigward l-ahhar biljett, hadd ma kien ippresenta ruhu sabiex isarrfu. Di fatti l-istess Ufficjal prosekutur xehed li ddecieda li jistenna hamsin gurnata sabiex forsi, jidher xi hadd bhala rebbieh ta' dan il-premju, f'liema perjodu ma kienx tkellem mal-akkuzat li ma kienx jaf li dan il-kaz kien qed jigi nvestigat mill-Iskwadra Kontra l-Frodi tal-Pulizija. In rigward dan il-punt, pero, l-ufficjal prosekutur sostna li l-akkuzat "kien jaf b'dak li kien gara peress li kien kellmu xi surgent mill-ghassa ta' Hal Qormi". Wara li ghadda l-perjodu imsemmi, l-akkuzat kien gie interrogat u kien irrilaxxa l-istqarrija bil-miktub esebita in atti a fol 21 ( ara infra). Fil-qasir l-akkuzat kien stqarr li kien ha l-biljett rebbieh ta' Lm20,000.00 kif gie allegat fil-konfront tieghu, li hu kien ha zball meta kien ta lil Lourdes Cascun ir-rebh

ammontanti ghal Lm100.00 u li, relattivament ghal kaz in ezami, il-biljett rebbieh kien wiehed ta’ LM1000.00, ossija dak esebit in atti bil-mamma relattiva u mmarkata Dok KEB 2.
Pero kien ammetta li, meta kiteb in-numri fuq l-imsemmi Dok KEB 1 kien ivvinta l-ewwel zewg numri u kien nizzel “l-ahhar tlett digits” u li kienu jintitolaw persuna ghal rebh ta’ LM100.00 waqt li cahad li kien qal lil Filippa Briffa “li dak iz-zmien kien diga sarraf il-biljett tal-LM100.00” (ara fol 13 sa fol 24 tal-atti dwar il-premess).
<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Filippa Briffa</u> (fol 33 et seq ibid) bdiet biex tghid li kemm hi u kemm ohtha, Dolores Cascun, gieli xtraw biljetti tal-lottu minghand l-akkuzat, li jiggestixxi banka tal-lottu li tmiss mal-bieb tal-kazin ta’ San Guzepp f’haz Zebbug. In rigward il-biljett in kwistjoni dan kien inxtara f’isimha minn ohtha gia msemmija u li ftit wara kienet tatulha. Xi erbat’ijiem wara t-tlugh fl-17 ta’ Ottubru 1993, tal-biljetti vincenti fil-Lotterija Nazzjonali hi kienet tat lura lill ohtha l-istess biljett shih bil-mamma sabiex din tivverifika dwar xi rebh li setgha kellha minghajr, pero, ma tat kaz x’kienu n-numri. Sussegwentement, ohtha kienet informatha li skond ma qalilha l-akkuzat, hi kienet rebhet LM100.00 waqt li l-istess akkuzat “ ...... kien ha l-biljett minghajr ma pero uriha n-numri li kienu telghu”. Difatti l-akkuzat kien ta lill ohtha r-rebh ta' LM100.00 waqt li kien zamm ghandu l-biljett kollu, inkluza l-mamma. Ghalhekk ix-xhud kienet marret personalment ghand l-akkuzat li, da parti tieghu, irrifjuta li jaghtiha lura l-mamma peress li “... jekk jaghtini l-istess mamma lura ma jkunx tajjeb aktar il-biljett”. In oltre x-xhud xtaqet taghtih lura l-Lm100.00 u tiehu lura l-biljett. Pero l-akkuzat irrifjuta li jaghmel dan (“issa, le, issa”). Minhabba hekk hi talbitu sabiex jikteb in-numri tal-biljett taghha, kif fil-fatt ghamel fuq bicca karta waqt li kien qed ihares "lejn xi haga". Hawnhekk ix-xhud, in rigward l-imsemmi <u>Dok KEB 1,</u> ikkonfermat li l-akkuzat kiteb in-numri, hu stess, fuq dan id-dokument.

Sussegwentement hi kienet kitbet fuq l-istess karta l-ittra “B” peress li “kont naf li l-biljett tieghi kien bl-ittra ‘B’ ”. Meta hi wriet lil ohtha n-numri hemm miktubin din qaltilha

“li ma kienux in-numri tieghi, minghajr ma pero qaltli n-numri taghha tal-biljett”.

Minhabba hekk l-ghada fil-ghodu hi regghet tkellmet mal-akkuzat, li da parti tieghu qalilha “ .... u ser taghmel ghageb fuq LM100.00”. Hawnhekk hi regghet insistit mal-akkuzat li hi taghtih lura l-LM100.00 u hu jaghtiha lura l-biljett taghha waqt li l-akkuzat, da parti tieghu kien qalilha li ma jistax jaghmel dan ghax “kien diga sarrfu mad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku”. In rigward il-mamma tal-istess biljett, l-akkuzat irrimarka li “ ..... kieku kien qata’ barra dik il-mamma, kieku dak tal-Lottu ma kienx isarrafulu”. Ghalhekk hi qaltlu li kienet ser tivverifika mal-istess Dipartiment imsemmi dwar dan. Hawnhekk hi marret ma’ zewgha fejn wiehed, kunjomu Chetcuti, u informaha li l-akkuzat ma kien sarraf l-ebda biljett. In oltre muri d-dokument esebit in atti bhala Dok KEB 1, l-istess ragel informaha li n-numri hemm miktubin, presumibbilment a bazi tal-ahhar tlett numri, ossija 298, kien verament rebah LM100.00. Sussegwentement ohtha Dolores kienet qaltilha li l-akkuzat kien gab “biljett ta’ rebh ta’ LM1000.00” li nghata lill-istess ohtha (ara l-anness Dok KEB 2) liema biljett ghandu n-numri 79298 u mhux 76298 kif imnizzel mill-istess akkuzat fuq l-imsemmi Dok KEB 1. Dwar dan il-biljett hi qalet li s-somma ta’ LM1000.00 kienet intrebhet fuq l-ahhar erba’ numri ossija 9298 waqt li sostniet mal-akkuzat li dan il-biljett “ma kienx tieghi” u “ li jiena kont qed nahseb li l-biljett tieghi kien tal-Lm20,000.00”.

Fuq dan il-punt, l-akkuzat irrimarka li l-biljett vincenti ta’ Lm20,000.00 ma kienx inxtara minn ghandu. In oltre, hi “marret fil-ghaxija u tajtu LM100.00 u jiena dak il-hin ghidtlu li kien dahak bija” (ara wkoll ix-xhieda tar-ragel ta’ din ix-xhud, ossija Emanuel Briffa a fol 47 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi Dolores Cascun (fol 42 et seq ibid), oht Filippa Briffa, waqt li kkonfermat li kienet xtrat il-biljett in kwistjoni f’isem l-istess ohtha, spjegat li ma kienitx innotat in-numri relattivi. Pero hi kienet “zgur” li l-ewwel numru kien

hamsa (5) waqt li “minghalija li l-ittra kienet ‘B’ ”. Hi kompliet tghid li wara t-tlugh tal-istess lotterija, ohtha kienet tatha l-biljett shih (“ma kienx maqsum”) bil-mamma ghadha mwahhla mieghu sabiex taghmel il-verifiki relattivi ghand l-akkuzat.

Difatti, l-akkuzat, meta ra l-istess biljett, kien qalilha “ara, telghulek tlieta” ossija rebh ta’ LM100.00. Hawnhekk hu ta lix-xhud LM100.00. Izda meta talbitu il-‘mamma’ tal-istess biljett hu qalilha li ma setax jaghmel dan peress li “il-biljett ma jkunx jghodd jekk jaghtihieli”.

Sussegwentement hi nformat lil ohtha dwar dan u din kienet qaltilha li kienet sejra, hi stess, ghand l-akkuzat sabiex tiehu lura l-mamma. Meta giet lura, ohtha, kienet qalet lix-xhud li l-akkuzat kien kiteb in-numru biss fuq bicca karta u meta rat dan, ix-xhud irrimarkat “dan qiesu mhux in-numru tieghek”. Pero meta giet murija d-dokument immarkat <u>Dok KEB1</u> hi xehedet li ma kienitx certa dwar jekk dan id-dokument kienx l-istess wiehed li gie muri lilha minn ohtha u ma ftakritx x’kien in-numru miktuba fuq l-istess karta. Hi pero specifikat li meta rat in-numru miktub fuq l-istess bicca karta li urietha l-istess ohtha, hi kienet qalet lil din li “dak mhux in-numru tieghek” u dan in vista li hi setghet tghid li l-ewwel numru fuq il-biljett ta’ ohtha kien ‘5’.

Hawnhekk hi spjegat li kien gie ghandha l-akkuzat u dan kien informa lix-xhud li n-numru li kien nizzel (fuq l-imsemmija bicca karta) fil-fatt, ma kienx dak ta’ ohtha u kien ta lix-xhud “il-biljett ta’ ohti” ossija dak immarkat Dok KEB 2 fl-istess stat kif hu, cioe maqsum fi tnejn. In oltre kien qalilha li ohtha, permezz ta’ dan il-biljett, kienet rebhet LM1000.00. L-istess xhud pero, kienet sostniet illi dan il-biljett ma kienx il-biljett akkwistat kif hawn fuq spjegat minhabba li kien maqsum. Ghalhekk fil-ghaxija hi u ohtha kienu marru ghand l-akkuzat sabiex jaghtuh lura il-Lm100.00 imsemmijin u sabiex jinfurmawh li dan il-biljett “ma kienx ta’ ohti”. Izda hu kien insista li fil-fatt kien ‘taghha’ peress li ma kellux hliefu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi meta gie prodott ir-ragel ta’ Filippa Briffa, ossija Emanuel Briffa (fol 47 et seq ibid) dan wara li xehed dwar dak li kienet qaltlu martu dwar dan il-kaz, spjega li kien mar ma’ martu fid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku fejn kienu tkellmu ma’ Mario Chetcuti (ara infra) .  Hawnhekk kienu gew informati li n-numru rebbieh ta’ Lm20,000.00 kien mibjugh mir-ricevitorja tal-Lottu numru 100 u li mill-istess ricevitorja “ma kien ghadu, sa dik il-gurnata, issarraf xejn”.

Ikkunsidrat
Illi gew prodotti Edward Gauci Borda, id-Direttur tad-Dipartiment koncernat (fol 53 et seq ibid) kif ukoll l-imsemmi Mario Chetcuti (fol 56 et seq ibid).  L-ewwel xhud semma li meta kellmitu Filippa Brifffa, din ma kienitx ftakret in-numru tal-biljett in kwistjoni.  In oltre sakemm baqa Direttur tal-Lottu Pubbliku, sa’ Dicembru 1993, hadd ma kien sarraf il-biljett rebbieh ta’ Lm20,000.00.

In rigward it-tieni xhud, li fi zmien in ezami kien Ufficjal Ezekuttiv fl-istess Dipartiment, dan wara li spjega kif tizvolgi ruhha l-Lotterija Nazzjonali u kif jigu determinati n-numri rebbieha, esebixxa d-dokument immarkat Dok MC 1 (fol 62 tal-atti), ossija r-rizultat ufficjali tat-tlugh tal-istess Lotterija li nzammet fl-17 ta’ Ottubru 1993.  Minn dan id-dokument jirrizulta li n-numru rebbiegh tal-premju ta’ LM20,000.00 kien jirreferi ghal biljett B59298 (ara wkoll l-anness Dok MC wkoll a fol 62).  Dwar l-istess biljett, kif jidher mid-Dokument immarkat Dok MC 3 fl-istess pagna specifikata dan kien “bought by Mr Charles Farrugia”.  In rigward dan ix-xhud testwalment qal “.. .. Charles Farrugia kien biegh, minn sheets moghtija lilu, hames biljetti fosthom B59298 li kien rebah LM20,000.00 li pero, ma giex encashed”  In oltre, kif rizultanti mill-istess Dok MC3 il-biljett rebbiegh ta’ LM1000.00 u li ma giex imsarraf kien dak bin-numri B79298.  Dwar in-numru mnizzel mill-istess akkuzat fuq l-anness Dok KEB1 ossija B76298 hlief ghal Ittra “B” dan kien mibjugh minn Valentino Saliba, wiehed li jbiegh biljetti fil-Lotterija Nazzjonali mit-triq u ma kienx fuq folja li nbieghet lill-akkuzat.

L-istess xhud ikkonferma li kienu gew ghandu, fl-17 ta’ Ottubru 1993, l-istess konjugi Briffa.  Dawn ma kellhomx

il-biljett in kwistjoni fil-pussess taghhom izda kellhom biss l-imsemmi Dok KEB 1 u hu kien informahom li b'dak in-numru kienu biss intitolati li jirbhu LM100.00. In oltre ta' min jinnota li dan ix-xhud semma li ricevitur tal-Lottu seta jsarraf biljett vincenti hu stess f'isem minn ikun akkwistah.

Ikkunsidrat
Illi l-akkuzat, fil-banka tal-lottu gestita minnu, gieli kien ikun assistit minn Mary Zerafa (fol 63 u 69 et seq ibid). Din spjegat li kienet presenti meta giet "wahda mara" fil-kazin imsemmi minnha u li fih hi sitwata l-banka tal-lottu tal-akkuzat. Pero ma setghetx tiftakar ghaliex kienet giet din il-mara sabiex titkellem ma' dan avolja qalet li l-istess mara kienet qalet li "il bilejtt kien bi shab". Jigi nnotat li din ix-xhud, meta inqrawlha partijiet mill-istqarrija rilaxxata minnha lill-ispettur Kevin Ellul Bonici, bdiet tirrispondi li ma kienitx tiftakar, jew li ma qalitx dak li kien imnizzel fl-istess stqarrija. Sussegwentement hi, pero, ftakret li l-akkuzat kien qalilha, b'referenza ghall-"mara" hawn fuq imsemmija, illi "din kienet giet ghandu waqt li kien hemm hafna nies" u kien taha LM100.00 bhala rebh, izda wara l-akkuzat kien induna li l-biljett kien tal-LM1,000.00 u ghalhekk hu kien mar personalment fid-dar tal-istess 'mara'. Kif jidher mill-atti din ix-xhud giet riprodotta u hawnhekk ftakret illi kienet rat lil Filippa Briffa tilletiga mal-akkuzat dwar 'xi biljett' li kien 'bi shab' u din il-mara kienet telqet 'l hemm wara li x-xhud kienet qaltilha illi kienet ghamlet hazin illi ma kienitx tat in-numru tal-biljett jew 'il-bicca tal-biljett' lil mara li kienet bi shab maghha.

Ikkunsidrat
Illi l-akkuzat, meta xehed minn jeddu, (fol 86 et seq ibid) spjega li kienet giet ghandu 'wahda' kunjomha Cascun sabiex hu jivverifika biljett tal-Lotterija Nazzjonali in rigward it-tlugh ta' din li kien sar fl-17 ta' Ottubru 1993 u ghal dan il-ghan, l-istess mara kienet taghtu biljett tal-istess lotterija. Dak il-hin stess l-akkuzat kien qalilha, ghar-raguni spjegata fl-istess xhieda, illi hi kellha biljett rebbieh, izda fl-ammont ta' LM100.00 in vista li "......kienu telghulha l-ahhar tlett numri". Ghalhekk hu zamm il-biljett u ta lill-istess Cascun ir-rebh ammontanti ghal Lm100.00 waqt li pogga l-istess biljett "..... bejn il-flus tan-nies li

kienu qed jilaghbu is-'Super Five' li kienu hafna". In oltre, lill-istess mara hu kien ta bicca karta li fuqha kien kiteb in-numri ("... u mill-memorja tajtha biss l-ahhar tlett numri" waqt li "in rigward l-ewwel zewg numri .. ... jiena ivvintajtha(hom"). L-ghada kienet irritornat l-istess mara u talbitu sabiex jaghtiha lura l-imsemmi biljett u wara li kien mar fir-residenza tieghu sabiex jigbor l-istess biljett, hawnhekk meta kien ra r-rizultat, hu nduna li l-biljett in kwistjoni kien rebbieh ta' LM1,000.00 ("... in rigward l-ahhar erba' numri") u ghalhekk, dak il-hin stess, kien mar ifittex kemm lil Filippa Briffa kemm lil Dolores Cascun, it-tnejn ahwa u meta sab lil din tal-ahhar, kien taha l-istess biljett u LM1000.00. Hawnhekk jidher pero, illi l-biljett kien inqasam fi tnejn (ara il-biljett esebit a fol 20 ibid). In oltre kienu gew ritornati lilu LM100.00 li originarjament, kien ta lil Dolores Cascun, kif hawn fuq spjegat. Fl-ahhar nett hu kkonferma illi Dolores Cascun u ohtha Filippa Briffa kienu hasbu li l-biljett vincenti ta' LM20,000.00 kien jappartjeni lill-istess Filippa Briffa, li, fil-fatt dan il-biljett hekk vincenti kien hareg mill-banka tal-lottu gestita minnu izda qatt ma kien gie fil-pussess tieghu u li l-istess biljett qatt ma kien issarraf. In oltre b'referenza ghad-dokument gia msemmi u mmarkat Dok KEB1 a fol 19 ibid, hu qal illi din kienet dik il-karta li kien ta lil Dolores Cascun u li fuqha kien kiteb in-numru rebbieh fl-ammont ta' LM100.00. Pero, hu ma kienx kiteb l-ittra "B" hemm imnizzla.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, hu evidenti li dan hu process indizzjarju, fejn il-provi huma dawk generalment deskritti bhala 'circumstantial evidence". F'kazijiet bhal dawn, trattasi ta' proceduri kriminali, fejn il-Qorti trid tara illi provi bhal dawk in esami huma sufficjenti sabiex, minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni, tista tiddikjara illi persuna ikkommettiet id-delitt jew delitti addebitati lilha fuq basi ta' certezza. Dan ifisser illi l-Qorti trid tasal ghal decizzjoni ta' htija b'serenita u konvinzjoni u fuq basi ta' provi kif deskritti li jistghu jigu konsiderati bhala sisien sodi ta' htija.

Illi maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet u in konnessjoni mal-kaz in desamina, l-ewwel nett trid issir referenza ghal

dak li xehedu Filippa Briffa u Dolores Cascun kif hawn fuq diga sintetizzat. Minn din ix-xhieda wiehed jista jara illi huma ma kienux jafu b'certezza x'kienu n-numri tal-biljett mixtri minghand l-akkuzat u moghti lura lil dan kif hawn fuq premess. Dan jirrizulta b'mod car mix-xhieda kemm ta' Filippa Briffa kemm ta' Dolores Cascun. Di fatti, it-tnejn flimkien jidhru li assumew illi l-biljett vincenti ta' LM20,000.00 kien inxtara minn Dolores Cascun u fl-ebda parti mix-xhieda taghhom ma accertaw lil din il-Qorti illi dan il-biljett kien nxtara mill-istess Dolores Cascun. Minhabba li trattasi tal-kamp kriminali, fejn sabiex tinstab htija l-istess Qorti trid tkun certa dwar il-fatti in esami, jidher evidenti li tali htija, vis-a-vis l-akkuzat, ma jistax jinghad li giet pruvata 'beyond a reasonable doubt' kif rikjest mill-ligi kriminali.

Illi kif premess kien xehed l-ufficjal ezekuttiv fid-Dipartiment tal-Lottu u dan kien qal illi n-numri vincenti ta' LM20,000.00 kienu B59298 u dan il-biljett kien bieghu l-akkuzat. Dan il-biljett, bin-numri ndikati, qatt ma kien gie msarraf. In oltre l-biljett rebbieh ta' LM1000.00 u li ma giex imsarraf kellu n-numri B79298 li wkoll ma kienx gie msarraf. Dwar dan il-biljett rebbieh tal-ammont ta' LM1000.00 gie konfermat mill-istess xhud. Minn din ix-xhieda sew jekk mehuda wahidha sew mal-assjem tal-provi prodotti, il-Qorti qieset fit-tul x'tista tkun il-konkluzzjoni taghha a basi ta' din il-prova u waslet ghal dak li ser jinghad. Dwar il-biljett rebbieh ta' LM20,000.00 l-akkuzi jirreferu ghal "biljett li kien jappartjeni lil konjugi Emanuel u Filippa Briffa" u dwar dan diga intqal li ma ingiebet ebda prova certa dwar dan il-punt. Inoltre, b'referenza ghax-xhieda li ghadha kemm giet citata, il-Qorti hadet l-impressjoni li ma hiex haga eccezzjonali li biljett rebbieh ma jigix imsarraf. Ghalhekk in rigward l-assjem tal-provi, fil-fehma tal-Qorti ma giex xorta wahda pruvat illi l-biljett vincenti kien jappartjeni lill-konjugi Briffa u lil Dolores Cascun.

Illi in rigward dak li rrizulta mix-xhieda tal-istess akkuzat dwar il-biljett rebbieh ta' LM1000.00, u li gew imhallsa eventwalment mill-akkuzat wara li kien induna li l-istess persuni kienu rebhu l-LM1000.00 u mhux LM100.00 kif

haseb. Hawnhekk il-Qorti tara li tissussisti l-probabbilita da parti tal-akkuzat illi kien ha zball genwin ghar-ragunjiet indikati fl-istess xhieda u ghalhekk ma jistax jinghad illi gie pruvat li hawnhekk l-akkuzat kien agixxa dolozament anke f'livell ta' tentattiv tad-delitti addebitati lilu.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess l-akkuzat ser jigi dikjarat mhux hati kemm tal-akkuza ta' approprjazzjoni indebita, kemm dik ta' frodi, kemm dik ta' truffa, u kemm dik ta' serq kif kwalifikat. Pero l-Qorti ma tistax ma ccanfarx lill-akkuzat ghall-agir tieghu f'dan il-kaz liema agir hu altament suspettuz fil-konfront tieghu u qed jigi liberat minhabba l-kriterji rigoruzi fil-kamp kriminali sabiex tista tinstab htija. In oltre, il-Qorti rat u studjat is-sentenza moghtija fuq l-istess mertu mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2005 u hawnhekk rat u nnotat illi l-Ufficjal Prosekutur kien qal, fir-rapport tieghu kif citat mill-istess sentenza illi "no evidence exists that Mrs Briffa's ticket was in fact the second prize winning ticket, just assumptions".

Dwar dan il-Qorti ma tistax tifhem kif saru dawn il-proceduri vis-a-vis dan il-biljett meta l-istess Ufficjal Prosekutur kien jaf illi minn dan il-lat ma kienx hemm provi bizzejjed u ghalhekk l-azzjoni kriminali jmissha kienet limitata ghall-agir tal-akkuzat vis-a-vis il-biljett vincenti ta' LM1000.00.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-akkuzat *mhux hati* tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------